KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0209

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 13 tal-1 ta' Ġunju 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

___________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**INVESTIGAZZJONIJIET MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**4. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid kemm-il talba għal investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika? Jista' l-Ispeaker jgħid, mingħajr ma jindika l-isem u d-dettalji tal-persuni involuti, dwar xiex inhi kull waħda mill-investigazzjonijiet? Jista' l-Ispeaker jindika għal kull waħda mill-investigazzjonijiet jekk hix qiegħda ssir b'inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu jew inkella wara li l-istess Kummissarju rċieva allegazzjoni bil-miktub?

08.05.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninsab infurmat illi l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bħalissa għandu għaxar investigazzjonijiet pendenti. Dawn l-investigazzjonijiet jikkorrispondu ma' erbatax-il ilment, billi f'xi każi saru aktar minn ilment wieħed dwar l-istess suġġett u allura dawn qed jiġu investigati f'daqqa.

Minn dawn l-għaxar investigazzjonijiet, tmienja (li jikkorrispondu ma' tnax-il ilment) huma attivi filwaqt li żewġ investigazzjonijiet huma sospiżi għaliex jittrattaw dwar każi li qed jiġu investigati minn awtoritajiet oħra.

Waħda mill-investigazzjonijiet attivi nbdiet mill-Kummissarju għall-Istandards fuq l-inizjattiva tiegħu, iżda aktar tard daħallu ilment fuq l-istess suġġett u għaldaqstant dan l-ilment qed jiġi investigat bħala parti mill-istess investigazzjoni.

Barra minn dan, il-Kummissarju għandu sitt ilmenti oħra li huma fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminarja, jiġifieri l-Kummissarju għad irid jiddeċiedi jekk jimmeritawx investigazzjoni jew le.

B'mod ġenerali, l-ilmenti taħt investigazzjoni jew fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminari jallegaw dan li ġej:

- għemil ta' stqarrijiet pubbliċi li ma jikkorrispondux mal-verità;
- abbuż mill-kariga jew abbuż ta' poter;
- imġiba ħazina marbuta ma' dikjarazzjonijiet tat-taxxa;
- abbuż minn riżorsi jew beni pubbliċi;
- nuqqas ta' konformità mal-liġi dwar permessi ta' żvilupp;
- nuqqas ta' konformità ma' regoli maħsuba biex iħarsu s-saħħa pubblika; u
- nepotiżmu.